MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2009

Numru. 756/2009

Il-Pulizija
(Sp Keith Arnaud)
vs
Reginald James, iben Anthony imwieled Pieta' fit-28 ta' Diċembru, 1989

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
1. talli bejn id-19 ta' Lulju, 2009 u l-24 ta' Lulju, 2009, minn ġewwa Triq Reġionali, Gżira, ikkometta, flimkien ma persuni oħra, serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB 554, ta' l-għamla Fiat Uno, liema serq hu aggravate bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u

disgħin ċentesimu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (2,329.37), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Omar Chalbi u/jew persuni oħra;

2. talli wara d-19 ta' Lulju, 2009 f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, flimkien ma persuni oħra, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB 554, ta' l-għamla Fiat Uno, liema ħsara tammonta għal aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) għad-dannu ta' Omar Chalbi u/jew persuni oħra;

3. talli bejn il-21 ta' Lulju, 2009 u l-24 ta' Lulju, 2009, minn ġewwa Triq il-Brunzar, Ħal-Qormi, bil-ħsieb li jagħmel delitt, flimkien ma persuni oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittanta jisraq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAB 315, ta' l-għamla Ford Fiesta, liema tentattiv ta' serq, li kieku sar, kien ikun aggravate bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċentesimu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (€2,329.37), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema delitt ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u ibdipendenti mill-volonta tiegħu;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, flimkien ma persuni oħra, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAB 315, ta' l-għamla Ford Fiesta, liema ħsara ma teċċedix il-mija u sittax il-euro u sebgħa u erbgħin ċentesimu (€116.47) iżda hija aktar minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għaoxrin ċentesimu (€23.29) u dan għad-dannu ta' persuna jew persuni li għadhom mhux magħrufa;

5. talli f'Lulju, 2009, f'diversi nħawi madwar il-Gżejjer Maltin, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz billi ffalsifika n-numru tar-reġistrazzjoni ta' vettura ta' l-għamla Daewoo Racer, bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali AAA 434, u cioe' billi

waħħal in-numru tar-reġistrazzjoni KAL 314, li hu falz u li jappartjeni lill-vettura differenti;

6. talli fl-istess perjodu għamel, flimkien ma persuni oħra, falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, billi ffalsifika n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura ta' l-għamla Mazda 323, bin-numru tar-reġistrazzjoni oriġinali AAA 434, u cioe' billi waħħal in-numru tar-reġistrazzjoni KAL 314, li hu falz u li jappartjeni lill-vettura differenti;

7. talli f'Lulju, 2009 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe' minn liċenzja tal-vettura, bin-numru serjali F 481689, imwaħħal fuq vettura ta' l-għamla Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA 434;

8. talli f'Lulju, 2009 f'diversi nħawi madwar il-Gżejjer Maltin, saq il-vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA 434, ta' l-għamla Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB 554, ta' l-għamla Fiat Uno, bin-numru tar-reġistrazzjoni CAB 403, ta' l-għamla Hyundai Pony, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAS 569, ta' l-għamla Hyundai Scoupe, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBA 623, ta' l-għamla Lada, mingħajr ma kellhu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u b'hekk ma kien xkopert b'polza ta' assikurazzjoni b'riskji għal terżi persuni;

9. talli f'Lulju, 2009 xjentement f'Malta laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat , jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxi dawn l-oġġetti;

10. talli bejn is-16 ta' Lulju, 2009 u id-19 ta' Lulju, 2009, minn ġewwa Triq H'Attard, Qormi, ikkometta, flimkien ma persuna oħra, serq ta' vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBA 623, ta' l-għamla Lada, liema serq hu aggravat bil-valur, li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċentesimu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin centeċimu (€2,329.37), bil-mezz, bil-ħin u bix –xorta tal-ħaġa misruqa għad-dannu ta' Ronald Debono u/jew persuna jew persuni oħra;

11. talli wara s-16 ta' Lulju, 2009 f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq

il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBA 623, ta’ l-għamla Lada, liema ħsara jammonta għa aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69), għad-dannu ta’ Ronald Debono u/jew persuna jew persuni oħra;

12. talli bejn it-13 ta’ Lulju, 2009 għal ħabta tas-6.30 p.m. u l-14 ta’ Lulju, 2009 għal ħabta tad-9.30 a.m. minn Triq Tal-Barrani, Żejtun, ikometta, flimkien ma persuna oħra, serq ta’ vettura bin-numru tar-rerġistrazzjoni DAS 569, ta’ l-għamla Hyundai Scoupe, liema serq hu aggravate bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa hu iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin centesimu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentesimu (€2,329.37), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għa-dannu ta’ Grazio Mula u/jew persuna jew persuni oħra;

13. talli wara l-14 ta’ Lulju, 2009, f’dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAS 569, ta’ l-għamla Hyundai Scoupe, liema ħsara tammonta għal aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċentesimu (€1,164.69) għad-dannu ta’ Grazio Mula u/jew persuna jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każjiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Lulju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tad-disa’ akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(a), 188, 189, 298 u 298D tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu

15(1)(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor fi żmien erba’ snin mil-lum. Minbarra dan tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta’ multa ta’ elfejn u erba’ mitt euro (€2,400) u tordna s-sospensjoni ta’ kwalunkwe liċenzja tas-sewqan ta’ l-istess imputat għal perjodu ta’ sena mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------